**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**kontra**

**JOSEPH ZAMMIT**

**(I.D. No. 532179(M))**

Kaz Nru.: 90/2011

**Illum, 15 ta' Diċembru 2021**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Joseph Zammit** ta' 42 sena, bin Eleno u Maria Goretti nee Fsadni, imwieled San Giljan nhar il-11 ta' Settembru 1979, residenti Block C, Flat 4, Triq Luret Callus, Zebbuġ, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 562179(M), permezz ta' liema gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Novembru 2010, ġewwa l-Ħamrun, kif ukoll fil-ġimgħatejn ta' qabel din id-data, f' ħinijet differenti u fi bnadi oħra f'

Malta forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i, minghajr ma kellu licenzja tal-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tan-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew min xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur ta' regolament 4 tar-regolamenti tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 291/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żagħżagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żagħżagħ skond l-artikolu 22 (2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Aktar talli għal din l-aħħar sena, f' ħinijet differenti u fi bnadi oħra f' Malta:

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

4. U aktar talli sar reċediv b' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021[1];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet ghal-ismigh mill-gdid tax-xhieda mismugha viva-voce minn dina l-Qorti diversament preseduta[2];

Qiset ukoll li f'zewgt udjenzi, partikolarment dawk tal-15 ta' Frar 2021 u 12 ta' Ottubru 2021, l-abbli difensur talab ghall-isfilz tal-istqarrija rrillaxxata mill-imputat ezebieta fil-proceduri odjerni a fol. 52 tal-atti processwali bhala Dok. JB fid-dawl tal-fatt li din ittiehdet minghajr ma l-imputat kellu d-dritt li jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali waqt it-tehid tal-istess stqarrija. Fiz-zewgt istanzi l-abbli prosekutur irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' dina l-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

---

[1] Fol. 70 tal-atti processwali.
[2] Fol. 73 tal-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

**PS279 Kevin Gauci** xehed illi fit-13 ta' Novembru 2010 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) huwa u xi kollegi kienu qedgħin jagħmlu osservazzjoni fi Triq Qormi, Hamrun, meta nnotaw lill-imputat bil-vettura tiegħu tat-tip Peugeot. Ix-xhud xehed li huma marru fuqu u għamlu tfittxija fuq il-persuna tiegħu u elevaw mobile u żewġt iskieken. Ix-xhud kompla jgħid li fil-mobile sabu xi messaġġi suspettużi u allura infurmaw lill-ispettur Borg li ta' struzzjonijiet sabiex l-imputat jiġi arrestat. Fil-fatt huma arrestaw l-imputat u ħaduh id-Depot għal aktar stħarriġ;

**PC 1348 Joseph Campbell** xehed illi fit-13 ta' Novembru 2010 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) waqt li huwa u xi kollegi kienu qedgħin jagħmlu osservazzjoni fi Triq Qormi, l-Hamrun nnotaw lill-imputat ġewwa vettura jaġixxi b' mod suspettuż. Ix-xhud xehed li huma marru fuq dan il-persuna identifikat bhala l-qua imputat, waqqfuh, u għamlu tfittxija fuq il-persuna tiegħu u kif ukoll fil-vettura. F'din it-tfittxija huma sabu sikkina u żewġ mobile phones. Wara li ċċekkjaw il-mobiles sabu xi messaġġi li kienu jirrelataw mat-traffikar u abbuż tad-droga u allura infurmaw lill-ispettur Borg li ta' struzzjonijiet sabiex l-imputat jiġi arrestat. Fil-fatt huma arrestaw l-imputat u ħaduh id-Depot għal aktar stħarriġ;

**PC 365 Malcolm Grixti** xehed illi fit-13 ta' Novembru 2010 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) kienu qed jagħmlu ronda l-Hamrun u waqqfu Peugeot ħadra li fiha kien hemm l-imputat. Saret tfittxija fil-karozza u ma nstab xejn iżda x-xhud qal li l-Ispettur Norbert Ciappara kien tagħhom struzzjonijiet sabiex jieħdu lill-imputat id-Depot għal aktar stħarriġ;

**L-ispettur Malcolm Bondin** xehed fir-rigward tar-recidiva fejn esebixxa tlett (3) sentenzi[3];

**Is-Supratendent Jesmond J. Borg** xehed illi fit-13 ta' Novembru 2010 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) waqt li l-pulizija kienu qedgħin jagħmlu osservazzjoni fi Triq Qormi, l-Hamrun huma nnotaw lill-imputat li kien qed jaġixxi b' mod suspettuż u għalhekk huma marru fuqu, waqqfuh u arrestawh.

---

[3] Ara a fol. 24 sa 31 tal-Proċess.

It-tfittxija rriżultat fin-negattiv imma kienu elevaw mobile minn fuq l-imputat. Ix-xhud xehed li l-pulizija kienu sabu żewġt iskieken u moble phone ieħor li kien fil-karozza. Wara li ċċekkjaw il-mobiles sabu xi messaġġi li kienu jirrelataw mat-traffikar u abbuż tad-droga u allura elevaw il-mobiles. Ix-xhud xehed li wara li tah is-solitu twissija l-imputat ammetta li kien ilu jabbuża mid-droga kokajina u eroina għal dawn l-aħħar tmienja jew għaxar snin u ammetta ukoll li kien jixtri l-eroina bil-prezz ta' €80 kull gramma u l-kokaina €50 kull pakkett ta' żewġ grammi. Ix-xhud kompla jgħid li l-imputat spjegalu li għal dawk l-aħħar ġimgħatejn qabel ma ġie arrestat huwa beda' jbiegħ l-eroina lil sħabu għal €20 kull pakkett u dan sabiex ikun jista' jmantni l-ħabit tiegħu. L-imputat ammetta max-xhud li l-messaġġi li nstabu fl-mobile kienu ta' klijenti li kienu jċemplulu jew jibgħatulu sabiex jiftiehmu fejn kien ser imur jiltaqa' magħhom. Ix-xhud esebixxa l-Istqarrija li kien irrilaxxa l-imputat. Liema stqarrija giet immarkata bhala Dok. JB.[4]

Illi fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2021 d-difiza ddikjarat li m'ghandiex provi x'tipproduci f'dan il-kaz, kif inghad iktar 'il fuq talbet ghall-isfilz tal-istqarrija (Dok. JB), u nfurmat lil Qorti li kienet ser tghaddi ghas-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat ulterjorament**

**i. Stqarrija:**

Illi prima facie jirrizulta li dina l-istqarrija ttiehdet nhar l-14 ta' Novembru 2010 skond il-ligi vigenti dak iz-zmien ghaldaqstant jidher li dina l-istqarrija bhala prova hija wahda valida u ammissibli f'dawn il-proceduri penali. Mill-istqarrija jidher li l-imputat gie mwissi *"fil-prezenza ta' PC642 Joseph Camilleri li m'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, immda dak li tghid jista' jingieb bi prova; ma dan kollu, jekk ma tkunx trid tghid xejn jew tonqoas milli ssemmi xi fatt, il-Qorti jew il-gudikant jistghu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korroborattiva, jekk matul il-process inti tressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul l-interrogazzjoni"* [5]

Fir-rigward ta' dina l-istqarrija u t-twissija, Supt. Jesmond J. Borg jghid hekk:

> *"Fil-fatt kienet inghatat is-solita twissija. Qieghed naghraf il-firma tieghi u ta' Joseph Zammit u PC642 Joseph Camilleri f'kull faccata u anke kien*

[4] Ara a fol. 52 sa 53 tal-Proċess.
[5] Fol. 52 tal-atti processwali

*inghata t-twissija li fil-fatt kienet tinghata meta persuna jkun ha parir legali. Ghaliex fil-fatt tajtu twissija tar-regola tal-inferenza".*[6]

Fl-udjenza tal-21 ta' Novembru tas-sena 2018, id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttella lil PC642 Joseph Camilleri bhala xhud tal-istqarrija. Fil-fatt bhala stat ta' fatt id-difiza qatt ma kkontestat il-volontarjeta' tal-istqarrija u l-fatt li l-imputat bhala stat ta' fatt, kien ikkonsulta ma avukat qabel l-interrogatorju. L-unika lanjanza tad-difiza li minhabba fiha huma qed jitolbu l-isfilz tal-istqarrija hija l-fatt li l-imputat ma kienx legalment assistiet waqt l-interrogatorju.

Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet tajba li jzommu lill-imputat milli jkun assistiet permezz ta' avukat jew prokuratur legali waqt l-interogazzjoni. Fil-fatt mit-twissija li nghatat mill-ufficjal li ha l-imsemmija stqarrija jirrizulta li l-imputat jidher li, skond ma kienet il-ligi vigenti dak iz-zmien, ha parir ta' avukat jew prokuratur legali sa massimu ta' siegha qabel l-interrogatorju. Isegwi ghalihekk li probabilment l-unika raguni l-ghaliex l-imputat ma kienx mghejjun minn avukat waqt l-interrogazzjoni kienet l-ghaliex il-ligi vigenti dak iz-zmien ma kinitx tippermettieha. Dak iz-zmien li fiha ttiehdet l-istqarrija odjerna (2010) il-ligi kienet tippermetti biss li l-imputat jkun jista' jikkonsulta ma avukat qabel ma tittiehed l-istqarrija sa massimu ta' siegha.

Illi l-guriprudenza lokali ricenti fir-rigward tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju jidher li qed tistrieh fuq l-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, li kien jitratta ukoll sitwazzjoni fejn il-ligi domestika relevanti ma kinitx tippermetti l-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u fejn ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghalfejn ma tigiex offruta l-assistenza tal-avukat. F'dan il-pronunzjament intqal:

> *"120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ... "*
>
> *121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. ... ... ... "*
>
> *... ... ... "139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right*

[6] Fol. 50 tal-atti proceswali.

*of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.*

*"140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ...*

*"141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those Rik. Kost. 38/18 11 stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*

*"144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*

*"145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer*[7] *(see Ibrahim and Others, ... § 265)....... "147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*"148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the*

[7] Emfazi ta' dina l-Qorti

*requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused....... "150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):*

*"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where Rik. Kost. 38/18 12 an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*"(c)whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter; "*

*(i)the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice".*

Is-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello** deciza fis-27 ta' Marzu 2020 ukoll taghmel referenza ghal kriterji indikati fil-kawza ta' Beuze u ddikjarat li f'dak l-istadju, galadarba kien ghadu ma sarx il-guri, ma tistax tiddetermina b'mod konklussiv l-*overall fairness*. Madanakollu l-Qorti Kostituzzjonali rrimarkat:

*"28. Li hu zgur hu li f'dan il-kaz l-appellant inghata l-opportunita' li jitkellem ma' avukat, bit-telefon jew wicc imb'wicc, izda rrifjuta. B'dak il-mod l-appellant cahhad lilu nnifsu mill-opportunita' li jkollu parir ta'*

*avukat sabiex jipprepara ruhu ghall-interrogazzjoni u sabiex jinghata taghrif dwar il-vantaggi u zvantaggi li jitkellem jew jaghzel is-silenzju waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assistenza ta' avukat prezenti. Dan apparti li kien infurmat b'mod car bil-jedd li jibqa' sieket u ma jwegibx izda xorta aghzel li jwiegeb liberament. Madanakollu xorta aghzel li jwiegeb id-domandi li sarulu."*

Mill-provi mressqa fil-kaz prezenti ma sirx referenza ghal jekk l-imputat ikkonsultax ma avukat jew prokuratur legali qabel it-tehid tal-istqarrija jew altrimenti. L-unika referenza li tista' tindika li, kuntrarjament ghal kaz ta' Aiello, l-qua imputat Joseph Zammit effettivament ikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali qabel l-interrogatorju hija twissija li nghatatlu fil-bidu tal-istqarrija li taghmel referenza ghar-regola tal-inferenza li kienet tkun applikabbli biss f'kaz li persuna tkun ghazlet li tikkonsulta ma avukat qabel l-interrogatorju (dana skond il-ligi vigenti ta' dak iz-zmien). Fil-fatt, fix-xhieda tieghu l-ufficjal investigattiv, jaghmel biss referenza ghal dan il-fatt:

*"... kien inghata t-twissija li fil-fatt kienet tinghata meta persuna jkun ha parir legali. Ghaliex fil-fatt tajtu twissija tar-regola tal-inferenza."*[8]

Madanakollu l-fatt li Zammit ikkonsulta qabel il-bidu tal-interrogatorju ma avukat jew prokuratur legali ma jfissirx necessarjament li l-istqarrija kienet tkun daqstant inkriminanti kieku huwa kien assistiet minn avukat jew prokuratur legali waqt l-interrogazzjoni. Minghajr ma dina l-Qorti tidhol fi spekulazzjonijiet mhux mehtiega jrid jinghad li wiehed ma jistghax jekwipara d-dritt ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju ghal ma dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju. Li kjarament jirrizulta huwa li waqt l-istqarrija l-qua imputat inkrimina lilu nnifsu sal-grad li a bazi biss tal-istess stqarrija l-prosekuzzjoni istitwiet il-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat. Fil-fatt jirrizulta kjarament li l-unika prova in sostenn tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tal-imputat hija l-istqarrija. PS279 Kevin Gauci u PC1348 Joseph Campbell, it-tnejn xehdu li mit-tfittxija li saret minnhom fuq il-qua imputat ma rrizulta xejn illegali ghajr xi messaggi li kellu fuq il-mobile li allegatament kienu jirrelataw ghal traffikar tad-droga. Dan il-mobile qatt ma gie pprezentat fil-proceduri odjerni ghaldaqstant dina l-Qorti ma ghandha l-ebda hjiel tal-kontenut ta' dan l-istess mobile. L-ispettur Borg min-naha tieghu xehed dwar dak li rrizultalu mill-investigazzjonijiet li huwa ghamel, madanakollu mix-xhieda tal-ispettur Borg jirrizulta car li dak li wasal sabiex l-imputat jitressaq akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni kienet biss l-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-pulizija.

[8] Fol. 50 tal-atti processwali.

Dina l-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-provi migbura u l-gurisprudenza relatata mal-valur probatorju li hija ghandha taghti l-istqarrija mehuda f'cirkostanzi simili ghal dawk tal-kaz odjern, partikolarment il-fatturi stabbiliti sabiex isir l-analizi tal-*overall fairness* tal-proceduri, ma thossx li jkun opportun li tistrieh interament fuq l-istqarrija sabiex tistabillixi r-reita o meno tal-imputat ghall-imputazzjonijiet odjerni. Dana f'cirkostanzi fejn il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ohra hlief l-istqarrija in sostenn tal-imputazzjonijiet odjerni u dana minkejja li skond ix-xhieda ta' ufficjali li kienu involuti fit-tfittxija fuq l-imputat allegatament irrizulta li fuq il-mobile kien hemm kontenut li setgha jkun relatat ma traffikar tad-droga.

Isegwi ghalhekk li ghar-ragunijiet suesposti u fid-dawl tal-principju tal-*overall fairness,* dina l-Qorti ma hijiex ser tikkunsidra l-istqarrija rrillaxxata mill-imputat meta tigi sabiex tikkunsidra ir-reita' tieghu o meno ghall-imputazjonijiet dedotti fil-konfront tieghu. Per konsegwenza, galadarba hekk kif inghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza, ghajr l-istqarrija ma kien hemm l-ebda prova ohra li tista' tissustanzja l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat, dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-imputat mill-istess.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija qeghda tillibera lil qua imputat Joseph Zammit mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Finalment, fir-rigward tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, dina l-Qorti tiddikjara li ma hemmx lok ghal tali ordni galadarba f'dawn il-proceduri ma gewx mahtura esperti.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur